# QORTI ĊIVILI PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, l-Erbgħa, 24 ta’ Lulju, 2019**

**Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 892/19TA**

**L-Avukat Dottor Alexander Schembri, detentur tal-karta tal-identita’ numru 373282 (M), bhala mandatarju speċjali tal-assenti Harm Danes, detentur tal-passaport Olandiż bin-numru NS2B2L6L6, kif debitament awtorizzat**

**vs**

1. **Portem Brew & Leisure Ventures Limited, bin-numru ta’ reġistrazzjoni C 80837, u bl-uffiċċju reġistrat ġewwa 59, Mediterranean Street, Pembroke;**

2. **Portem Tourism Ventures Limited, bin-numru ta’ reġistrazzjoni C 68829, u bl-uffiċċju reġistrat ġewwa 55, Old Theatre Street, Valletta;**

3. **Mark-Anthony Portelli, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 535880 (M), iben Anthony Edward Portelli u Mary Anne nee’ Casha, imwieled San Ġiljan fis-17 ta’ Novembru 1980 u residenti 59, Triq il-Mediterran, Pembroke.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors ta' l-Avukat Dottor Alexander Schembri bħala mandatarju speċjali tal-assenti Harm Danes preżentat fit-8 ta' Lulju 2019;

Rat id-digriet tagħha tat-8 ta' Lulju 2019;

Rat li fis-seduta tat-22 ta' Lulju 2019 Dr. James D'Agostino għall-intimati ta' ruħu notifikat għall-intimati kollha bir-rikors u bl-avviz tas-smiegħ tal-istess seduta;

Rat il-verbal tal-partijet magħmul fl-istess seduta imsemmija fejn qablu "*illi in linea mat-transazzjoni li ġiet konkluża dalgħodu stess, dan il-mandat għandu jiġi milqugħ definittivament fil-konfront ta' l-intimat Mark Anthony Portelli u l-proprjeta' ġewwa San Pawl il-Baħar ossia 3, Seaview Flats, Vecca Lane, San Pawl il-Baħar, Apartment 1 enumerat bin-numru 4 fir-rikors, u għandu jiġi revokat flil-bqija.*"

Rat li r-rikors tħalla għal digriet *in camera.*

**<u>Provvediment</u>**

Il-Qorti għalhekk qegħdha tipprovdi definittivament b'dan il-mod fid-dawl tal-verbal bi qbil bejn il-partijiet fis-seduta tat-22 ta' Lulju 2019:

**Fil-waqt li qed tikkonferma** l-ordni provisorja tagħha tat-8 ta' Lulju 2019 bil-limitazzjonijiet hawn imsemmija, il-Qorti qegħdha tipprovdi definittivament billi **tilqa'** t-talbiet tar-rikorrent fil-konfront ta' **Mark Anthony Portelli biss u limitatament** għall-propjeta' indikata bin-numru

4 fir-rikors promotur u ċioe' l-appartament internament immarkat bin-numru wieħed (1), formanti parti minn korp ta' żewġ appartamenti, bin-numru uffiċjali tlieta (3), "Seaview Flats", Vecca Lane, San Pawl il-Baħar. Għalhekk il-Qorti qed tordna li jinħareg il-mandat ta' inibizzjoni kontra l-imsemmi Mark Anthony Portelli biss u fir-rigward tal-propjeta' imsemmija biss.

Għal kull bon fini, il-Qorti tiddikjara li l-intimati Portem Brew & Leisure Ventures Limited u Portem Tourism Ventures Limited u l-propjeta' l-oħra kollha imsemmija, salv għal dik imsemmija fl-akkoljiment tat-talbiet, ma għandhomx ikunu milquta u effetti minn dawn il-proċeduri.

Il-Qorti qegħdha tordna li dan id-digriet jiġi notifikat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur tal-Artijiet sabiex jagħmlu dak li jispetta lilhom skont il-ligi.

Spejjes ta' dawn il-proċeduri a' karigu tal-intimat Mark Anthony Portelli.

**Moghti kameralment illum, 24 ta' Lulju, 2019.**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**